**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 64 – IT-TNEJN 16 TA' OTTUBRU 2023**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**64.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

64.1.1 Ma kienx hemm.

**64.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

64.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (63) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

64.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 64.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

64.3.1 Ma kienx hemm.

## 64.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

64.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-attività 'Regional Treasure Hunt' fi Pjazza Ninu Cremona kienet suċċess. Il-parteċipazzjoni ta' Iklin Scout Group kienet waħda numeruża u l-ispazju ġie ttrasformat f'ambjent ħelu għat-tnedija ta 'dan il-proġett organizzat ben tajjeb mill-Kunsill Reġjonali Lvant u bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali L-Iklin.

64.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill għad qed jistenna direzzjoni mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta dwar ir-reviżjoni tal-ispeed limit fi Triq il-Wied peress li l-ispeed limit eżistenti huwa wieħed baxx ta' 30km/hr. Il-Kunsill qed jirċievi numru ta' ilmenti dwar dan kemm minħabba l-infurzar li sar riċentement u kemm minħabba l-emmissjonijiet tal-vetturi għax qed jimpatta b'mod negattiv l-ambjent taż-żona.

64.4.3 Is-Sindku Dott Sciberras irringrazzja lill-Kunsillieri tal-preżenza tagħhom fil-laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti li nżammet nhar it-Tnejn 9 ta' Ottubru 2023 fis-Sala tal-Kunsill fejn ġie ppreżentat u spjegat ir-rapport xjentifiku mill-espert fis-settur ikkummissjunat mill-Kunsill Lokali L-Iklin. Is-Sindku informa li l-Kumitat innominat ad hoc se jkun qed jiltaqa' fil-bini tal-Parlament nhar l-Erbgħa 18 ta' Ottubru biex iressaq il-konċernament tar-residenti dwar l-allegat emissjonijiet u l-irwejjaħ mhux pjaċevoli li qed jiġu ġġenerati mill-allegat impjant. Is-Sindku u l-membri ta' dan il-Kumitat li twaqqaf dakinhar tal-laqgħa se jkun qed jiltaqa' mal-Onor. Albert Buttiegieg. Aktar żviluppi jingħataw fis-seduta li jmiss tal-Kunsill.

## 64.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

64.5.1 Ma kienx hemm.

## 64.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

64.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn il-15 ta' Settembru u l-11 ta' Ottubru 2023 kif jidher fid-dokument A u B.

**COMPLAINTS SHEET (15 September - 11 October 2023)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 325 | 15/09/2023 | Ilment rigward vetturi pparkjati għal tul taż-żmien fi Triq G.M. Azzopardi | pending | Triq Ġ. M. Azzopardi | **Community Police** |
| 326 | 15/09/2023 | Ilment rigward skart fl-art li waqa waqt il-ġbir u tħalla fl-art. | settled | Triq Ġ. M. Azzopardi | **Waste Collection** |
| 327 | 15/09/2023 | Ilment rigward ħaxix ħażin u ħmieġ fi Triq in-Namur. | pending | Triq in-Namur | **Cleansing** |
| 328 | 18/09/2023 | Bozza mall-ħajt mhux tixgħel fejn ir-residenza numru 28, Ġ. Pesci W 07928 | pending | Triq Ġ. Pesci | **Kuntrattur** |
| 329 | 16/09/2023 | Ħruġ ta boroż quddiem *drive in* ta' 8, Triq A. Buttigieg minn residenti ta' 12, p/h, Triq A Buttigieg kmieni filghodu 5.00am | settled | Triq A Buttigieg | **Council** |
| 330 | 16/09/2023 | Hemm bin bla qiegh fi Triq A Buttigieg fejn il-bankijiet. | pending | Triq A Buttigieg | **Council** |
| 331 | 18/09/2023 | Talba biex jitnaddfu żewġ wheelie bins minn fejn is-sub station fi Triq il-Wied | settled | Triq il-Wied | **Cleansing** |
| 332 | 19/09/2023 | Talba biex jinbidel Reserved Parking għal wieħed normali. Ir-resident m'għadux joqgħod hemm. | pending | Triq Ġ. Abos | **Council** |
| 333 | 19/08/2023 | Talba biex titnaddaf Triq ix-Xwieki (ħdejn l-arblu tan-Net) | pending | Triq ix-Xwieki | **Council** |
| 334 | 20/09/2023 | Talba ghal MC bay fi Triq Ċensu Bugeja | pending | Triq Ċensu Bugeja | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 335 | 26/09/2023 | Talba għal sleeping policeman oħra fi Triq Anton Buttigieg għax il-vetturi qed jgħaddu bi speed eċċessiv | pending | Triq Anton Buttigieg | **Council** |
| 336 | 26/09/2023 | Il-bozoz tat-trejqa li hemm fi Triq San Mikiel mhux jixgħelu | settled | Trejqa fi Triq San Mikiel | **Enemalta / Kuntrattur** |
| 337 | 28/09/2023 | Bozoz fuq arbli fil-playing fields, Pjazza Ninu Cremona | settled | Pjazza Ninu Cremona | **Kuntrattur** |
| 338 | 29/09/2023 | Talba biex jitneħħa xi ramel li jinġabar wara xita quddiem 40, Triq Ġ E Mercer u Triq P P Saydon | settled | Triq Ġ E Mercer | **Council** |
| 339 | 29/09/2023 | 2 ilmenti fi Triq Il-Wied dwar tappiera u water gutter ihabbtu | pending | Triq il-Wied | **Infrastructure** |
| 340 | 29/09/2023 | Sar xogħol ta' trinek fi Triq A M Galea u tarmak ghadu ma sarx | pending | Triq A M Galea | **WSC** |
| 341 | 30/09/2023 | Ilment fuq irwejjaħ ta' tarmak Triq Namur | pending | Triq Namur | **ERA** |
| 342 | 02/10/2023 | Ilment fuq irwejjah ta' tarmak Triq Namur | pending | Triq Namur | **ERA** |
| 343 | 02/10/2023 | Ilmenti fuq irwejjaħ ta' tarmak Upper L-Iklin, Triq il-Prinjol | pending | various | **ERA** |
| 344 | 28/09/2023 | Talba ghal double yellow lines fi Triq C Bugeja | pending | Triq C Bugeja | **Council** |
| 345 | 03/10/2023 | Ilment fi Triq il-Wied, Enemalta kienu qalgħu t-triq u ħallewha konkos | pending | Triq il-Wied | **infrastructure** |
| 346 | 05/10/2023 | Waste collection qegħdin igezzu l-boroż quddiem garages fi Triq K Vassallo | pending | Triq K Vassallo | **waste Collection** |
| 347 | 07/10/2023 | Ilmenti fuq irwejjaħ ta tarmak Upper L-Iklin, Triq il-Prinjol | pending | Triq il-Prinjol | **ERA** |
| 348 | 07/10/2023 | Ilmenti fuq irwejjaħ ta' tarmak Upper L-Iklin, Triq il-Prinjol | pending | Triq il-Prinjol | **ERA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 349 | 07/10/2023 | Ilmenti fuq irwejjaħ ta' tarmak Upper L-Iklin, Triq il-Prinjol | pending | Triq il-Prinjol | **ERA** |
| 350 | 04/10/2023 | Ilment dwar Triq il-Ħarruba li qegħda wara bitħa u qed ikun hemm il-ġrieden Triq E S Inglott | pending | Triq E S Inglott | **Sanità** |
| 351 | 04/10/2023 | Ilment fuq *heavy vehicles* fi Triq E S Inglott talba għall-infurzar | pending | Triq E S Inglott | **council** |
| 352 | 10/10/2023 | Karkass fejn 6, Triq G Bonnici | settled | Triq G Bonnici | **Cleansing 1718** |
| 353 | 10/10/2023 | Ġrieden fi Triq Ġ Mamo u Triq Ġ M Azzopardi | pending | Triq Ġ Mamo | **Sanità** |
| 354 | 10/11/2023 | 2 covers ta' stop cocks tal-ilma miksurin 35, Triq Ċensu Busuttil | pending | Triq Ċ Busuttil | **WSC** |

**64.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

64.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

64.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

64.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Emanuel Zammit u Bernice Farrugia u Godwin Catania.

**64.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR**

64.8.1 Applikazzjoni PA 01357/23 – Romar & no 49 Triq il-Klin, Iklin –
Demolition of existing terraced house, and including demolition of already approved cafeteria plus tuition centre (as per PA 4751/18).

Excavation and construction of basement, construction of Office (Class 4A) at ground floor, construction of cafeteria (Class 4C) at ground floor (replacing that in PA 4751/18); construction of tuition centre (Class 2C) at first floor (replacing that in PA 4751/18); and construction of (6) residential units from second floor upwards.

64.8.2 Applikazzjoni PA 05731/23 – St. Anthony no. 18 Triq Alfons Maria Galea, Iklin 'Proposed alteration to change existing door into a window and an existing window into a door.

**64.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAD-DOKUMENT TAL-OFFERTA ILC/T/1/2023**

64.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien tlesta d-dokument tal-offerta biex isir akkwist għall-provvista ta' van tal-elettriku tal-passiġġieri. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien applika għal skema SPI/SCI/9/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom. Il-proposta kienet eliġibbli u l-Kunsill ikkwalifika għall-ammont ta' Eur31,450.00 VAT inkluż kif ukoll Eur1,500.00 VAT inkluż bħala fondi għall-assistenza waqt l-implimentazzjoni tal-istess proġett. Il-Kunsill ingħata 75% tas-somma indikata hawn fuq bil-quddiem u l-bilanċ jingħata kif jiġi ffinalizzat il-proġett propost.

Is-Sindku għamel riferenza għall-istudju li kien sar mill-Università ta' Malta preċiżament mill-Fakultà għat-Tisħiħ tas-soċjetà u issa l-Kunsill qed jimplimenta dak li ħareġ minn dan l-istudju xjentifiku. B'dan il-mod, il-Kunsill qed jindirizza l-ħtiġijiet tal-komunità.

Imbagħad staqsa jekk hemm mistoqsijiet jew kjarifiċi fuq id-dokument tal-offerta. Ma kienx hemm.

64.9.2 Imbagħad ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Sa Bartolo biex jawtorizzaw l-ispiża ta' 15% li jrid jassorbi l-Kunsill peress li huwa obbligat li jiffinanzja l-15% mal-ammont mogħti mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy.

64.9.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 64.10 ĦATRA TAL-KUMITAT TAL-EVALWAZZJONI GĦALL-AKKWIST PUBBLIKU ILC/T/1/2023

64.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li f'dan l-istadju ried jinħatar *Tender Evaluation Committee* biex meta jasal il-waqt ikun jista jevalwa tender.

64.10.2 Kien deċiż li l-Kumitat ikun kompost mis-Sindku bħala chairman, Etienne Montfort bħala Segretarju tal-Kumitat, u l-membri Bernice Farrugia, Adrian Mifsud, u l-Perit Julian Borg bħala evalwaturi.

64.10.3 Il-Kunsill approva dawn in-nomini *nem con*.

## 64.11 ESTIMI TAL-ISPEJJEŻ DWAR IL-PROGRAMM TAL-FESTI NATALIZJI 2023

64.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras fetaħ diskussjoni dwar il-festi natalziji 2023. Imbagħad stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta l-kwotazzjonijiet għal numru ta' servizzi in konnessjoni mall-programm tal-attivitajiet proposti għall-festi tal-Milied 2023.

64.11.2 Wara diskussjoni, kien deċiż li l-Kunsill japprova l-programm propost suġġett li jkun hemm il-fondi għal dan il-programm.

64.11.3 Aktar żviluppi jingħataw fis-seduta ta' Novembru fejn jiġi konkluż il-programm finali.

## 64.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

64.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 13 ta' Novembru 2023 fil-5.30 p.m.

64.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Novembru 2023 fil-5.30 p.m.

64.12.3 Is-seduta ġiet fi tmiem tagħha fis-6.35 p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |